# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) SUPERJURI

## MAGISTRAT DOTTOR PAUL COPPINI LL.D.

### Seduta ta' nhar il-Gimgha 6 ta' April, 2001 .

### Citazzjoni numru : 49/95G1(PC)

**Margaret mart George Vella u l-istess George Vella f'ismu proprju u ghan-nom u bhala legittimu rapprezentant t'ibnu minuri, Julian Vella; Maria Regina xebba Zerafa u Ronald sive Ronnie Vella .**

**Vs**

**Anton Vella .**

**Il-Qorti ,**

**Rat ic-citazzjoni li permezz taghha l-atturi, wara li ppremettew :**

**Illi l-atturi Margaret mart George Vella u Maria Regina xebba Zerafa huma l-propretarji ta' porzjoni raba msejha "Tax-Xwejha", limiti tar-Rabat, Ghawdex u flimkien mal-atturi l-ohra u cioe' George Vella f'ismu proprju u bhala l-legittimu rapprezentanti ta' ibnu minuri, Julian Vella u Ronald sive Ronnie Vella huma wkoll il-possessuri tal-istess raba li huwa tal-kejl ta' cirka seba' mija u disghin metri kwadri (790m$^2$) u konfinanti mill-lvant ma' beni ta' Gangu Vella, tramuntana ma' beni tal-Gvern ta' Malta u punent ma' beni ta' Francesco Vassallo, accessibbli minn passagg li jigi minn naha tan-nofsinhar u jizbokka ghal Triq il-Mithna, limiti tar-Rabat, Ghawdex ;**

**Illi ricentement il-konvenut bil-hsieb li jezercita xi dritt li huwa jippretendi li ghandhu fuq l-istess passagg, wara li kien diga' ghamel diversi tentattivi ohra sabiex jispolji lill-atturi fl-ezercizzju tad-dritt taghhom, ikkommetta spoll vjolenti u kien destin iehor fil-konfront taghhom proprio et nomine u dana billi kisser ix-xatba tal-injam li kienet tezisti fl-entratura tal-istess passagg, imblokka nofs il-bieb tal-istess entrata bil-gebel u pogga van ezattament mal-istess fetha tal-bieb bl-iskop uniku sabiex jimpedixxi lill-atturi milli jkomplu juzaw**

**dana l-access ghar-raba taghhom, hawn fuq deskritt, liema raba taghhom huwa interkjuz minn kull naha, hlief ghall-access hawn fuq imsemmi ;**

**Illi dana l-agir tal-istess konvenut jikkostitwixxi spoll vjolenti u klandestin di fronti taghhom u l-atturi jridu li jigu ri-integrati fil-pussess tal-istess entrata billi l-konvenut jerga' jpoggi kollox kif kien fl-istat prestinu tieghu .**

**Talbu lill-konvenuti jghidu ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti :**

1. **Tiddikjara li l-konvenut ikkommetta spoll vjolenti u klandestin di fronti tal-istess atturi ;**

2. **Tikkundannah sabiex fiz-zmien qasir u perentorju li jigi lilu prefiss, jispurga l-ispoll minnu konness billi jerga' jpoggi kollox fl-istat prestinu tieghu u b'hekk jerga' jirreprestina lill-atturi l-pussess tal-istess raba u b'hekk jispurga l-ispoll minnu kommess ;**

3. **Fin-nuqqas, jekk dana z-zmien jghaddi inutilment, ghaliex l-istess atturi ma ghandhomx jigu awtorizzati biex jaghmlu x-xoghlijiet kollha necessarji sabiex jpoggu kollox fl-istess prestinu tieghu u dana ghas-spejjez tal-istess konvenut u taht id-direzzjoni ta' perit, jekk hemm bzonn, nominat ghall-istess fini .**

**Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali ta' Marzu, 1995 u bl-ingunzjoni tal-istess konvenut ghas-subizzjoni li ghaliha debitament imharrek .**

**B'riserva ghal tal-azzjoni ghad-danni .**

**Rat id-Dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-atturi debitament ikkonfermata bil-gurament ta' Margaret Vella .**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut li eccepixxa :**

1. **Illi t-talbiet attrici huma nfondati fid-dritt u fil-fatt in kwantu ma jissussistux l-elementi li jikkostitwixxi spoll .**

**Salvi eccezzjonijiet ulterjuri .**

**Rat id-Dikjarazzjoni tal-fatti tal-konvenut minnu mahlufa .**

**Rat id-digriet taghha tat-2 ta' Awissu 1995 fejn innominat lill-avukat Dottor Carmelo Galea bhala perit legali biex jiehu konjizzjoni tat-talbiet attrici fid-dawl tal-eccezzjonijiet tal-konvenut .**

**Rat ir-relazzjoni tal-perit legali minnu mahlufa fl-20 ta' Mejju 1999 .**

**Semghet it-trattazzjoni orali tad-difensuri rispettivi tal-kontendenti .**

**Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza .**

**Ikkunsidrat :**

**Illi din hija kawza ta' spoll privileggjat, fejn l-atturi qed jallegaw illi gew spoljati mill-pussess ta' l-ghalqa taghhom indikata fic-citazzjoni, meta l-konvenut pogga van qadima quddiem l-entratura li huma jikkontendu li kienet isservi bhala l-unika access taghhom ghall-istesss ghalqa . It-tliet elementi legali li ghandhom jissussistu sabiex tirnexxi kawza bhal din huma maghrufa sew . Kif gie stabilit kostantament mill-Qrati taghna, irid l-ewwelnett jigi ppruvat illi l-attur kellu l-pussess tal-haga spoljata ('possedisse') . Imbaghad irid ikun gie mnezza minn dan il-pussess ('spoliatum fuisse'). Fl-ahharnett il-kawza trid tkun saret fi zmien xahrejn mill-att spoljattiv ('infra bimestre deduxisse') . F'dan ir-rigward, u a skans ta' ripetizzjonijiet inutili, il-Qorti taghmel referenza shiha ghall-kazistika u gurisprudenza riportata b'tant dettal fir-relazzjoni tal-perit legali (a fol. 52 – 64 tal-process) .**

**L-istess perit legali, wara li ha konjizzjoni tal-provi prodotti, li huwa jirriproduci fis-sustanza fir-rapport tieghu, jispjega kif "hawnhekk ghandna zewg verzjonijiet kompletament differenti tal-fatti kif graw . Min-naha ghandna l-atturi illi jallegaw illi huma minn dejjem kienu jezercitaw il-passagg minn fuq l-art tal-konvenut sakemm dan beda johloq l-inkwiet u jimblokkalhom il-passagg . Minn naha tieghu il-konvenut jallega illi l-atturi qatt ma ghaddew minn fuq ir-raba tieghu sa ezattament qabel ma bdew il-kwistjonijiet ta' bejniethom, u kull ma ghamel huwa irreagixxa ghall-provokazzjonijiet u turbativi ta' l-atturi" .**

**Fil-fehma tal-perit legali l-verzjoni ta' l-atturi hija aktar kredibbli u dan ghaliex :**

**a. ix-xhieda ta' George Vella, iben l-inkwilin originali tar-raba ta' l-atturi tikkorrobora l-allegazzjonijiet ta' l-atturi . Infatti George Vella xehed illi : "….. Ir-raba kellha l-moghdija minn Triq il-Mithna, fejn illum hemm il-van . Ahna gieli dhalna minn hemm; pero' ahna ghandna raba' iehor li jmiss mar-raba qbiela u allura kien eqreb ghalina li nidhlu minn gor-raba proprjeta' taghna . Ahna konna nghaddu mill-passagg fejn illum hemm il-van zmien ilu ; …. Pero' anke ftit qabel ma ahna erhejna ir-raba xi erba' snin ilu, jiena kont**

**dhalt mill-passagg fejn illum hemm il-van . Kont dhalt b'mohriet zghir …" (para. 40 tar-rapport peritali) ;**

**b. hemm ukoll ix-xhieda ta' Francis Vassallo u l-bennej Pascal Saliba illi tikonferma illi l-atturi kienu jghaddu minn fuq ir-raba tal-konvenut . Fi kliem Vassallo : "Ronnie kien jidhol minn triq il-Mithna, minn fejn illum hemm il-van . Jidhol mill-passagg ghar-raba tieghu" . (para. 35) . Skond Saliba : " ….kont nara lil Ronnie Vella u l-familja tieghu jidhlu fir-raba illi huma ghandhom fl-inhawi . Huma kienu jidhlu minn passagg illi jinsab fi Triq il-Mithna, Victoria … (para. 38) .**

**c. il-verzjoni illi skond is-surgent Grima inghatat lilu minn Anton Vella, il-konvenut, ma taqbel xejn ma' dak illi Anton Vella xehed fil-kors tas-smiegh tal-provi . Dr. Carmelo Galea hass illi l-verzjoni moghtja minn Vella lis-surgent Grima taqbel ma' dak illi jallegaw l-atturi u hija aktar konformi mal-verita' tal-fatti . Hekk insibu lil Vella jghid lis-surgent, wara li dan mar jinvestiga r-rapprot li sarlu mill-atturi illi : " … Kellimt lil Anton Vella u … qalli illi hemm kwistjoni bejnu u bejn Ronnie Vella rigward passagg illi jaghti ghal gor-raba . Zied ukoll illi zmien ilu huwa u Ronnie Vella kienu ftehmu illi jaghtih access ghar-raba tieghu ezatt wara l-flats tac-Cawla li jkun eqreb u aktar facli ghalih . Qalli wkoll illi peress illi Ronnie Vella ma riedx jifhem illi l-passagg minn Triq il-Mithna ma jistax jghaddi minnu, huwa wasal ghall-konkluzjoni illi jimblokka il-bieb bil-van u illi mhux lest illi jnehhi il-van minn hemm" . (para. 32).**

**Irrizulta ghalhekk minn dawn il-provi illi l-atturi kienu jezercitaw passagg minn fuq l-art tal-konvenut . Zmien minnhom ghall-habta ta' l-ahhar tas-sena 1994, il-konvenut beda jopponi ruhu ghal dan l-ezercizzju tal-passagg billi jostakolah b'diversi modi . Ghall-bidu l-atturi kienu jirreagixxu ghal dan l-ostakolu billi jergghu jifthu l-passagg sabiex ikunu jistghu jghaddu ghar-raba taghhom . Imbaghad fl-ahhar ta' Frar 1995, tpoggiet il-van illi ostakola l-passagg b'mod illi l-atturi ma setghux jezercitaw aktar il-passagg minn dan il-post . Il-van tpogga hemm minn sidu Joseph Vella, izda fi kliem il-konvenut, huwa kien prezenti ma' missieru meta sar dan ix-xoghol .**

**Konsegwentement il-perit legali wasal ghall-konkluzjoni illi : " …. minghajr ebda dubbju … t-tliet elementi rikjesti ghall-ezercizzju b'success tal-kawza ta' spoll ilkoll jezistu fil-kaz odjern" . (para . 44 et. seq. a fol. 78 tal-process) . Dan ghaliex :**

**“L-element tal-pussess (cioe’ l-ezercizzju tad-dritt tal-passagg da parti ta’ l-atturi ghal certu zmien qabel ma bdew il-kwistjonijiet fuq il-passagg) jirrizulta ampjament .**

**Hekk ukoll l-element tal-att spoljattiv . Ma hemmx dubbju illi l-van tpogga hemm bil-kunsens u awtorizzazzjoni tal-konvenut Anton Vella, u kontra l-oppozizzjoni espressa ta’ l-atturi illi sa dak il-mument kienu gia rreagixxew diversi drabi ghal tentattivi ohra ta’ spoll da parti ta’ l-istess konvenut u l-membri tal-familja tieghu .**

**L-att spoljattiv gie kompjut fl-1 ta’ Marzu 1995 skond ma jirrizulta mir-rapport li sar lis-surgent John Grima . Ic-citazzjoni giet prezentata fil-21 ta’ Marzu 1995, u cjoe’ ampjament entro t-terminu ta’ xahrejn stabilit mil-ligi. ”**

**Fit-trattazzjoni orali tieghu d-difensur tal-konvenut ikkritika dawn il-konkluzjonijiet peritali ghal zewg ragunijiet :**

**1. ghaliex ma kienx il-konvenut li pogga l-van quddiem l-entratura tal-passagg ; u**

**2. jekk kien hemm xi spoll dan ma sarx bit-tqieghid tal-van, imma xhur qabel ma’ l-ewwel tentattivi biex ma jippermettix lill-atturi jghaddu mill-entratura in kwistjoni, u ghalhekk kien lahaq skada t-terminu ta’ xahrejn preskritt mil-ligi .**

**Irrizulta pero' ampjament illi minkejja illi l-van tassew ma tpoggietx quddiem l-entratura mill-konvenut, imma minn missieru Joseph Vella, dan sar bil-kunsens u fuq istruzzjonijiet tal-konvenut . Tant hu hekk illi fi kliem is-surgent Grima: ” … huwa wasal ghall-konkluzjoni illi jimblokka il-bieb bil-van u illi mhux lest illi jnehhi il-van minn hemm. ”**

**Huwa minnu illi qabel dan l-incident kien hemm diversi tentattivi ohra sabiex l-atturi ma jithallewx jghaddu mill-entratura in kwistjoni, bhal meta tpogga firroll fix-xatba li kien hemm imwahhla ma’ l-entratura, jew meta din giet imblukkata bil-gebel . Minkejja dawn l-atti, l-atturi pero’ xorta wahda irnexxielhom jibqghu jidhlu, u kien biss meta tpoggiet il-van li l-access taghhom gie ghal kollox imblokkat. Dan fih innifsu zgur li kien jikkostitwixxi att spoljattiv illi jimmerita s-sanzjonijiet tal-ligi . Azzjonijiet irresponsabbli bhal dawn huma dawk illi appuntu trid tevita l-ligi f’gieh il-buon ordni . Jekk il-konvenut deherlu illi l-atturi kienu qed ikasbrulu xi drittijiet tieghu, kellu jirrikorri ghal proceduri gudizzjarji u mhux jiehu l-ligi f’idejh billi jaqbad u jimblokka l-passagg bil-van kif fil-fatt erronjament ghamel .**

**Ghal dawn il-motivi, tiddecidi l-kawza billi, filwaqt illi tikkonferma l-konkluzjonijiet peritali u tiddikjara illi l-konvenut ikkommenta spoll vjolenti u klandestin fil-konfront ta' l-atturi, tikkundannah sabiex zmien gimgha mil-lum inehhi l-van indikata fic-citazzjoni minn quddiem l-entratura ghall-passagg li minn fuq ir-raba tal-konvenut stess taghti ghal gor-raba ta'l-atturi . Fin-nuqqas tawtorizza lill-atturi jnehhu huma stess din il-van a spejjez tal-konvenut . Minhabba n-natura ta' dan l-ispoll ma jidhirx illi hemm il-htiega ghan-nomina ta' perit biex jissorvelja x-xoghol .**

**L-ispejjez ghandhom jigu ssoportati mill-konvenut .**

**Magistrat .**

**Deputat Registratur .**

S4995Pc